MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2212/2002

**Cathedral Library Co Ltd**

**Vs**

**John u Maryanne Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275), prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjati lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehru ghas-seduti.

Semgha lil Paul Giacchino in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallas is-somma ta’ mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez  huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**